# Tas-Sliema

## Lejlet il-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl

Winston L. Zammit
BA (Hons), MA, PGCE

### L-Altar Maġġur u l-użu aħjar tal-Liturġija

Fil-ktieb tal-Festa tas-sena l-oħra kont ktibt dwar ix-xogħol li sar sabiex tkabbar l-altar biex jkun aktar aħjar għall-użu tal-liturġija.

Dan ix-xogħol kien hemm għalfejn isir?
Ma kienx tajjeb kif kien qabel?
Li kien qed isir ma kienx biżżejjed?
Kabbarna l-altar u naqqasna l-bankijiet!

Dawn kienu wħud mill-kummenti li qalu n-nies, għaliex għal ħafna dan kien kollu għalxejn. Nafu x'inhu l-altar, xi jfisser verament u x'jiġri f'dan il-post fil-knisja? Nafu għaliex qiegħed f'post prinċipali u mhux x'imkien ieħor fil-Knisja?

Min qabel kien jpoġġi fl-Altari ta' San Ġużepp u San Lawrenz kien jinduna li l-altar kien 'il ġewwa u ċ-ċelebrazzjoni ma kinitx titgawda sew, issa ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tidher ħafna aħjar u n-nies saru parti minn din iċ-ċelebrazzjoni.

### Storja

Din mhix l-ewwel darba li sar xogħol ta' tibdil fuq l-altar maġġur. Minn tagħrif li sibt fil-ktieb ta' Patri Ġużepp Vella ofm dwar il-"Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, tas-Sliema", nsibu li f'Marzu, 1881 kien tpoġġa l-ewwel altar maġġur f'post ċentrali u importanti.

Wara, dan inbidel ma' wieħed b'irħam ikkulurit u dan tpoġġa f'Mejju, 1910. Fl-1954 sar il-paviment ta' l-altar maġġur. Il-kanċell li kien madwar l-altar kien tpoġġa fl-altari ta' San Franġisk u San Baskal.

Bir-riforma tal-Konċilju Vatikan II waqt il-Quddiesa s-sacerdot kellu jibda jqaddes jħares lejn il-Fidili. Għalhekk kien meħtieġ li jsir altar forma ta' mejda.

Fl-1969, P Ġużepp Micallef OFM ħadem altar ta' l-injam li dam iservi sakemm sar altar ġdid fl-1974. Din il-mejda kellha titpoġġa quddiem l-altar maġġur.

F'dan l-istadju ġie deċiż li l-altar Maġġur jersaq lura fil-Kor taħt it-titular. Biex dan seta' jsir kellu jinqala' l-Kor ta' l-injam, dak li llum insibu fis-sagrestija fuq wara, infetħu żewġ bibien fil-ħitan tal-ġnub. L-altar mejda li hemm illum tqiegħed f'Mejju, 1974 u ġie maħdum fuq disinn tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi u ġie kkonsagrat fis-17 ta' Ġunju, 1974 (proprju 27 sena ilu), mill-Eċċ Tiegħu Mons Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' dak iż-żmien.

Minn dan it-tagħrif nindunaw li qatt ma kien hemm waqfien f'dak li għandu x'jaqsam mal-liturġija u kif din tista' tkun ta' użu aħjar. Dan għax dak kollu li sar is-sena l-oħra kien proprju sabiex dak li jkun qed jiġi ċċelebrat f'dan il-post jkun l-għajn prinċipali ta' dak kollu li jsir fil-Knisja.

Mhux ser noqgħod nidħol fid-dettal ta' dak li sar is-sena l-oħra, iżda ser nagħti ftit informazzjoni ta' xi jfisser il-Presbiterju jew kif inhu magħruf aktar bħala l-Altar Maġġur u x'użu għandhom fil-Liturġija t-tagħmir li nsibu f'dan il-post.

It-tkabbir tal-Presbiterju jew kif huwa magħruf aħjar l-altar maġġur, ma sarx b'gost, b'pika biex aħna jkollna presbiterju kbir bħal knejjes oħra, iżda sar għaliex inħass il-bżonn li l-altar jersaq aktar viċin il-poplu u li l-ispazju madwaru jkun biżżejjed għall-użu aħjar tal-liturġija.

### X'inhi Liturġija?

Il-liturġija hija t-twettiq ta' l-Uffiċċju Saċerdotali ta' Kristu. Fiha mhux biss tingħata glorja 'l Alla, iżda l-bnedmin jitqaddsu u din il-qdusija li tingħata permezz ta' l-azzjonijiet liturġiċi hija murija fis-sinjali bħal ma huma s-sagramenti.

Fil-liturġija tingħata qima pubblika lil Alla mill-ġisem mistiku kollu –minn Kristu li hu r-Ras kif ukoll mill-Insara li huma l-membri ta' dan il-ġisem.

Il-Liturġija għandha post importanti ħafna fil-ħajja tal-Knisja għaliex hija l-quċċata li lejha għandha twassal kull attività tal-Knisja.

Il-Knisja trid tkun maqsuma f'żewġ partijiet. Dik il-parti fejn tkun miġbura l-ġemgħa ta' l-insara b'mod li kulħadd jkun jista' jagħti sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni u fil-parti l-oħra l-post taċ-ċelebrant minn fejn jaqdi l-ministeru tiegħu kemm jekk ikun qed iħabbar il-Kelma ta' Alla u kemm jekk jaqdi l-altar. Il-presbiterju għandu jkun kbir biżżejjed biex ir-riti liturġiċi jkunu jistgħu jsiru sewwa.

### L-Altar

Dan irid jkun fiċ-ċentru tal-Presbiterju biex għajnejn in-nies bla ebda sforz imorru fuq iċ-ċelebrazzjoni liturġika. Dan irid jkun maqtugħ minn mal-ħajt hekk li wieħed jkun jista' jdur miegħu u ċ-ċelebrant jkun qiegħed jħares lejn il-ġemgħa. Il-Knisja trid li l-altar jkollu sura ta' mejda li fuqha ċ-ċelebrant joffri s-sagrifiċċju b'wiċċu lejn in-nies.

L-altar li nsibu fil-knisja tagħna huwa mqiegħed fuq erba' saqajn u taħtu nsibu żewġ figuri li dawn jirrappreżentaw lil Melkissedek bil-ħobż u bil-kalċi f'idu u lil Mosè bl-Għaxar Kmandamenti.

## It-Tabernaklu

F'nofs l-altar maġġur insibu t-tabernaklu li fih jinżamm Ġesù Ewkaristija. Ir-riforma tal-Liturġija titlob li s-sagrament ma għandux jkun fuq l-altar maġġur iżda f'kappella magħrufa aktar bħala l-Kappella tas-Sagrament. Dan ma jsirx sabiex nwarrbu l-ewkaristija iżda sabiex jkun hemm aktar devozzjoni u sabiex il-funzjonijiet li jsiru fil-knisja ma jtellfux il-qima tal-fidili lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Din ir-riforma kienet talbet ukoll li jekk it-tabernaklu jkun fuq l-altar maġġur dan m'għandux jkun mgħotti mis-saċerdot.

## L-Ambone

Dan huwa l-mejda li minn fuqha jitqassam il-ħobż tal-Kelma ta' Alla. L-ambone huwa l-post minn fejn titħabbar il-Kelma ta' Alla waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma, u għalhekk irid jkun qiegħed f'post fejn malajr jista' jiġbed lejh l-attenzjoni tal-ġemgħa.

## Is-Sedja

Fuq il-presbiterju għandu jkun hemm sedja taċ-ċelebrant jew kif kienet magħrufa qabel il-Kattedra minn fejn jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni liturġika.

## Il-Battisteru

Il-battisteru jew kif huwa magħruf aħjar il-Fonti tal-Magħmudija qabel kien ħdejn il-bieb ta' barra. Dan għadu fejn kien, iżda biss baqa' simbolu, għax illum minħabba li l-Konċilju ried li l-magħmudija tkun ċelebrazzjoni kommunitarja jinsisti li l-magħmudija jsir f'post fejn kulħadd jista' jieħu sehem fiha.

### Referenzi

Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema - P. Ġużepp Vella ofm

X'inhi l-Liturgija Vol I u Vol II - Mons J Lupi

**KENNEDY Salon**

by
Tony & Dad

**for Cut & Blow**

**351, Manwel Dimech Str., Sliema • Tel: 316180**

*(Second corner from The Strand)*

**KYS TROPHIES**

Importers & Wholesalers

**Medals & Presentation Boxes**

*Engraving Service available*

146, Manuel Dimech Str., Sliema • Tel: 33 16 89